

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2011/71/PESK**tal-31 ta' Jannar 2011****li temenda d-Deċiżjoni 2010/656/PESK li ġġedded il-miżuri restrittivi kontra l-Côte d'Ivoire**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Billi:

- (1) Fid-29 ta' Ottubru 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/656/PESK li ġġedded il-miżuri restrittivi kontra l-Côte d'Ivoire ⁽¹⁾.
- (2) Meta titqies il-gravità tas-sitwazzjoni fil-Côte d'Ivoire, jeħtieġ li jiżdiedu persuni u entitajiet oħra mal-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għall-miżuri restrittivi li jinsabu fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2010/656/PESK,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Artikolu 7(2) tad-Deċiżjoni 2010/656/PESK huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Fejn il-Kunsill jiddeċiedi li jissoġġetta persuna jew entità għall-miżuri msemmija fl-Artikolu 4(1)(b) u l-Artikolu 5(1)(b), għandu jemenda l-Anness II kif meħtieġ."

Artikolu 2

Il-persuni u l-entitajiet li jinsabu fl-Anness għal din id-Deċiżjoni għandhom jiżdiedu mal-lista li tinsab fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2010/656/PESK.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-31 ta' Jannar 2011.

*Għall-Kunsill**Il-President*

C. ASHTON

⁽¹⁾ ĠU L 285, 30.10.2010, p. 28.

ANNEX

PERSUNI U ENTITAJIET IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 2

	Isem (u psewdonomu possibbli)	Karatteristiċi ta' identifikazzjoni	Raġunijiet
1.	Is-Sur Philippe Henry Dacoury-Tabley		Gvernatur tal-BCEAO: persuna li tirrifjuta li toqgħod taħt l-awtorità tal-President elett b'mod demokratiku; jikkontribwixxi għall-finanzjament tal-amministrazzjoni illeġittima tas-Sur Laurent Gbagbo
2.	Is-Sur Denis N'Gbé	Imwieded fis-6 ta' Settembru 1956, f'Danane; numru tal-passaport: PS-AE/094GD07 (jiskadi fis-26 ta' Lulju 2012)	Diretur Nazzjonal tal-Côte d'Ivoire tal-BCEAO: persuna li tirrifjuta li toqgħod taħt l-awtorità tal-President elett b'mod demokratiku; jikkontribwixxi għall-finanzjament tal-amministrazzjoni illeġittima tas-Sur Laurent Gbagbo
3.	Is-Sur Ibrahim Ezzedine	Imwieded fil-5 ta' Frar 1968, f'Bariche (il-Libanu); numru tal-passaport: 08AB14590 (jiskadi fl-4 ta' Ottubru 2014)	Imprenditur; jikkontribwixxi għall-finanzjament tal-amministrazzjoni illeġittima tas-Sur Laurent Gbagbo
4.	Is-Sur Roland Dagher	Imwieded fit-8 ta' Mejju 1952, f'Bamako (Mali); numru tal-passaporti: PD-AE/075FN01 (jiskadi fis-16 ta' Jannar 2011) 08AA15167 (jiskadi fl-1 ta' Diċembru 2013)	Imprenditur, membru tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali; jikkontribwixxi għall-finanzjament illeġittimu tas-Sur Laurent Gbagbo
5.	Is-Sur Oussou Kouassi	Imwieded fl-1 ta' Jannar 1956, f'Oumé; numru tal-passaporti: PD-AE/016EU09 (jiskadi fil-31 ta' Awwissu 2009) 08AA80739 (jiskadi fit-12 ta' Lulju 2014)	Direttur Ġenerali tal-Ekonomija; persuna li tirrifjuta li toqgħod taħt l-awtorità tal-President elett b'mod demokratiku; jikkontribwixxi għall-finanzjament tal-amministrazzjoni illeġittima tas-Sur Laurent Gbagbo
6.	Is-Sur Ossey Eugène Amonkou	Imwieded fit-13 ta' Lulju 1960, f'Akoupé; numru tal-passaport: 04LE10026 (jiskadi fid-19 ta' Ġunju 2011)	Direttur Ġenerali tal-Bank Nazzjonali tal-Investment (BNI); persuna li tirrifjuta li toqgħod taħt l-awtorità tal-President elett b'mod demokratiku; jikkontribwixxi għall-finanzjament tal-amministrazzjoni illeġittima tas-Sur Laurent Gbagbo

B. Entitajiet

	Isem (u psewdonomu possibbli)	Karatteristiċi ta' identifikazzjoni	Raġunijiet
1.	Caisse d'Epargne de Côte d'Ivoire	SIEGE SOCIAL Abidjan-Plateau, Immeuble SMGL, 11 Avenue Joseph Anoma, 01 BP 6889 Abidjan 01 RCI Tel.: +225 20 25 43 00 Fax: +225 20 25 53 11 SWIFT: CNCGCIAB - Email: info@caissepargne.ci	Jikkontribwixxi għall-finanzjament tal-amministrazzjoni illeġittima tas-Sur Laurent Gbagbo
2.	Banque de l'Habitat de Côte d'Ivoire (BHCI)	22 Avenue Joseph Anoma - 01 BP 2325 Abidjan 01 Côte d'Ivoire Tel.: +225 20 25 39 39 - Fax.: +225 20 22 58 18	Jikkontribwixxi għall-finanzjament tal-amministrazzjoni illeġittima tas-Sur Laurent Gbagbo